

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

L-annullament tal-karti ta' remunerazzjoni tar-rikorrenti tax-xahar ta' Diċembru 2010 u tal-karti ta' remunerazzjoni tax-xhur sussegwenti sa fejn dawn ma jinkludux il-korrezzjoni tal-aġġustament tar-remunerazzjonijiet fid-dawl tal-koeffiċjent korrettur li japplika għall-post fejn ġew assenjati.

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla l-karti ta' remunerazzjoni tar-rikorrenti tax-xahar ta' Diċembru 2010, kif ukoll il-karti ta' remunerazzjoni tax-xhur sussegwenti;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Ottubru 2011 — ZZ et vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-111/11)

(2012/C 6/50)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: ZZ et (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis, É. Marchal, D. Abreu Caldas, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

Annullament tad-dikjarazzjonijiet ta' remunerazzjoni tar-rikorrenti ta' Frar 2011 u d-dikjarazzjonijiet ta' remunerazzjoni tax-xhur ta' wara li japplikaw il-koeffiċjent ta' korrezzjoni ġdid għall-belt ta' Varese, skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2010 tal-20 ta' Diċembru 2010.

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjonijiet li jstabbilixxu r-rendikonti ta' remunerazzjoni tar-rikorrenti fuq il-bażi tal-koeffiċjent ta' korrezzjoni għall-belt ta' Varese msemmi fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2010, tal-20 ta' Diċembru 2010, applikabbli mill-1 ta' Lulju 2010;

— tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tat-12 ta' Lulju 2011 li tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti dwar il-koeffiċjent ta' korrezzjoni applikat f'Varese;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Ottubru 2011 — ZZ vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-112/11)

(2012/C 6/51)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: C. Mourato, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

L-annullament tad-dikjarazzjoni ta' dħul tar-rikorrent għax-xahar ta' Frar 2011 u tad-dikjarazzjonijiet ta' dħul tax-xhur sussegwenti li japplikaw il-koeffiċjent ta' korrezzjoni ġdid għall-belt ta' Varese skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2010, tal-20 ta' Diċembru 2010.

**Talbiet tar-rikorrent**

— tannulla d-dikjarazzjoni ta' dħul għax-xahar ta' Frar 2011 u d-dikjarazzjonijiet ta' dħul tax-xhur sussegwenti, sa fejn dawn id-dikjarazzjonijiet japplikaw koeffiċjent ta' korrezzjoni ta' 92.3 fuq il-bażi tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2010, tal-20 ta' Diċembru 2010, iċċitat iktar 'il fuq, filwaqt li żżomm l-effetti ta' dawn id-dikjarazzjonijiet sal-adozzjoni ta' dikjarazzjonijiet ġodda li japplikaw koeffiċjent ta' korrezzjoni regolari;

— tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra, tat-12 ta' Lulju 2011, li tagħti risposta negattiva għall-ilment 328/11 ippreżentat mir-rikorrent, sa fejn tirrifjuta b'mod partikolari l-aċċess tar-rikorrent għal informazzjoni statistika ddetaljata dwar il-paritajiet ekonomiċi fejn Brussell u Varese għal diversi neċessitajiet bażiċi, fosthom l-elettriċità, il-gass, l-enerġija, it-tisħin solidu u likwidu, is-saħħa u l-akkomodazzjoni;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Ottubru 2011 — ZZ vs Il-Parlament**

(Kawża F-114/11)

(2012/C 6/52)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: ZZ (rappreżentant: A. Salerno, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew